**11 ta' April, 1958**

**Imħallfin:—**

**Is-S.T.O. Prof. Dr. A.J. Mamo, O.B.E., Q.C., B.A., LL.D. President;**

**Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, C.B.E., K.M., LL.D.;**

**Onor. Dr. W. Harding, K.M., B.Litt., LL.D.**

Charles Grixti

*versus*

Salvino Schembri et.

**Ġudikat — Sentenza — Żball fl-Isem tal-Partijiet — Nullità — Trasfużjoni tal-Ġudizzju — Reġistrazzjoni tas-Sentenza — Art. 59 (1) u 235 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili.**

*Wieħed mill-elementi meħtieġa għall-ġudikat hu l-identità tal-persuni li kienu parti fil-kawża ta' qabel u li huma parti fil-kawża ta' wara; u n-nuqqas ta' dan l-element hu biżżejjed biex jeskludi l-ġudikat.*

*Jekk is-sentenza preċedenti, invokata bħala ġudikat, ġiet mogħtija u reġistrata f'ismijiet diversi minn dawk li jidhru fil-kawża l-ġdida, ma tistgħax dik is-sentenza tiġi nvokata bħala ġudikat fil-kawża ta' wara, għax ma jistgħax jingħad li dik is-sentenza hija bejn l-istess partijiet, avvolja jkun*

*fittratta minn sempliċi żball żgħir tal-pinna li ma jistgħax joħloq ebda ekwivoku. Il-Qorti ma tista' tagħmel xejn fil-kawża li ssir wara biex tneħħi dak l-iżball, u ma tistgħax ħlief ineżorabbilment tħares lejn is-sentenza preċedenti kif tinsab reġistrata, bl-iżball b'kollox. Dik ir-reġistrazzjoni hija l-unika prova awtentika tas-sentenza; u żball fl-isem jew il-kunjom ta' waħda mill-partijiet f'sentenza, li ma jkunx ġie, jew ma jistgħax jiġi korrett bil-mezz li toffri l-liġi, jinduċi n-nullità tagħha.*

*Jista' jingħad li dik is-sentenza għandha titqies li hi fis-seħħ sakemm ma tiġix annullata; iżda naturalment isseħħ fl-ismijiet tal-persuni li jidhru fiha; u jibqa' għalhekk li ma tikkostitwix ġudikat ostattiv għall-kawża li ssir wara li fiha jidhru partijiet diversi minn dawk li jidhru fis-sentenza ta' qabel.*

*Jekk fil-kawża li ssir wara tkun parti xi persuna li ma kienetx parti fil-kawża ta' qabel, fejn ġiet mogħtija s-sentenza bl-iżball, dik il-persuna ma tistgħax tallega li hi mhix preġudikata bl-iżball li ttieħed u tinvoka l-ġudikat fil-kawża sussegwenti; għax hi ma kienetx parti fil-ġudizzju preċedenti, u hu prinċipju f'din il-materja illi min ma kienx parti fil-ġudizzju, u lanqas kien fih leġittimament rappreżentat bil-mezz tal-awtur tiegħu jew ta' xi rappreżentant leġittimu tiegħu, ma jistgħax jibbenefika minn sentenza bħala "res judicata".*

*Għalda,qstant, jekk imut l-attur f'kawża, u ssir it-trasfużjoni tal-ġudizzju favur uħud mill-eredi tiegħu b'ismijiet żbaljati, u s-sentenza tingħata favur dawk il-persuni hekk indikati ħażin, dik is-sentenza lanqas ma tista' tiġi nvokata bħala ġudikat, f'kawża li ssir wara, minn waħda mill-eredi tal-attur fil-kawża l-oħra li ma kienetx parti f'dik il-kawża għax ma ġietx inkluża fil-proċedura tat-trasfużjoni tal ġudizzju.*

Il-Qorti:— Rat l-att taċ-ċitazzjoni quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tagħha r-Reġina, li bih l-attur, wara li ppremetta illi huwa kien ikkonsenja lill-imsemmi Emmanuele Schembri motor-boat b'makna "Singer 6 cylinders" biex jirriparaha; u illi l-konvenut, ċjoè l-im-

semmi Schembri, la rripara dik il-motor-boat u lanqas irrestitwihielu; talab illi, premessi d-dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħtija l-provvedimenti opportuni, il-konvenuti jiġu kundannati jirrestitwulu l-motor-boat fuq indikata f'terminu qasir u perentorju li jiġi lilhom prefiss; u in difett, jiġu kundannati jħallsuh il-valur tal-istess motor-boat, f'ammont li jiġi likwidat, bl-interessi legali. Salva l-azzjoni għad-danni għal kull dewmien u għal kull deterjorament fl-istess motor-boat. Bl-ispejjeż kontra l-konvenuti;

Rat id-dikjarazzjoni tal-attur;

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tal-konvenuti, li biha allegaw illi kontra d-domandi, kif huma konċepiti, josta l-ġudikat, għaliex b'kawża oħra li l-mejjet Emmanuele Schembri, missier u awtur tal-eċċipjenti, u r-raġel rispettiv tal-eċċipjenti l-oħra Maria, deċiża minn dik il-Qorti fit-18 ta' Frar 1955, fl-ismijiet "Emmanuele Schembri vs. Charles Grixti", u li għaliha jagħmlu riferenza, dan Grixti, il-lum l-attur, fuq talba espressa tal-istess Emmanuele Schembri, kien ġie anzi kundannat li jirtira huwa stess il-motor-boat mill-poter tal-istess Emmanuele Schembri fi żmien ħmistax il-ġurnata; għalhekk it-talba biex huma l-lum jiġu kundannati jirrestitwixxu din il-motor-boat ma hemmx lokha, għaliex impliċitament huma ġa obligati jippermettu r-ritir tal-motor-boat da parti tal-attur. Huma qatt ma għamlu oppożizzjoni għal din ir-restituzzjoni; biss huma kienu nfurmaw lill-attur, b'ittra tagħhom tad-9 ta' Marzu 1955 li tagħha kopja tinsab annessa (dok. A), u li kienet responsiva għal ittra oħra tal-istess attur (dok. B) tas-26 ta' Frar 1955, illi huma, bħala depożitarji tal-motor-boat, u billi kellhom f'idejhom il-kura u l-kustodja tagħha fil-garage tagħhom (u li għal dan id-depożitu u għal din il-kura u kustodja l-attur kien ġie allura, bl-istess sentenza, kundannat iħallashom £8 fis-sena mill-ewwel ta' Ġunju 1949), li qabel ir-rtir, jew kontestwalment miegħu, huwa kellu jħallashom l-ammont ta' £52.16.8 għal dan id-depożitu, kura u kustodja, għar-raġuni li huma kellhom, kif għandhom, skond id-dispożizzjonijiet tal-liġi id-dritt tar-ritenzjoni sakemm jitħallas il-kumpens. Għal dawn ir-raġunijiet id-domandi tal-attur huma għal kollox insostenibbli, u għandhom jiġu riġettati,

bl-ispejjeż, għax huwa sata' jaġixxi eżekuttivament mill-ewwel, wara li jkun uniforma ruħu mall-liġi, kieku huma għamlu oppożizzjoni;

*Omissis;*

Rat is-sentenza tal-Qorti fuq imsemmija tas-7 ta' Mejju 1957, li biha rrespinġiet l-eċċezzjoni tal-ġudikat opposta mill-konvenuti u l-kjamata fil-kawża, bl-ispejjeż kontra tagħhom, u ddifferiet il-kawża għat-trattazzjoni ulterjuri tagħha; wara li kkunsidrat;

Illi għall-azzjoni tal-attur il-konvenuti u l-kjamata fil-kawża jopponu l-ġudikat mogħti minn din il-Qorti fit-18 ta' Frar 1955, fil-kawża fl-ismijiet "Emmanuele Schembri vs. Charles Grixti";

Ikkunsidrat, rigward din l-eċċezzjoni;

Illi, biex din l-eċċeżżjoni tista' tirnexxi, hemm bżonn l-ewwelnett li jiġi eżaminat jekk jikkonkorrix l-ewwel element tal-ġudikat, dak, jiġifieri, jekk is-sentenza ġa msemmija tal-1955 kienetx ġiet maqtugħa f'kawża bejn l-istess persuni li jidhru bħala kontendenti fil-kawża odjerna;

Illi dik il-kawża kienet ġiet intavolata fis-6 ta' Frar 1952 minn Emmanuele Schembri kontra Charles sive Carmelo Grixti. B'rikors tat-13 ta' Jannar 1955, Maria armla minn Emmanuele Gristi, u Salvino, Carmelo, John, Vincent, Giuseppina, Antonio, u Teresa aħwa Grixti, wara li esponew li f'dawk il-ġranet miet l-imsemmi Emmanuele Gristi, l-attur, u ħalla bħala eredi tiegħu ntestati lill-imsemmijin tfal tiegħu aħwa Grixti, u lill-martu Maria, għal dak li jirrigwarda l-porzjoni tagħha tal-ko-akkwisti konjugali, u li l-kawża kienet tinsab differita għas-sentenza għat-18 ta' Frar 1955, talbu li l-ġudizzju jkun trasfuż fil-persuna tagħhom, u s-sentenza tkun mogħtija fl-interess tagħhom għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi. B'digriet tal-14 ta' Jannar 1955, dik it-talba ġiet milqugħa minn din il-Qorti, li fit-18 ta' Frar 1955 iddeċidiet il-kawża;

Evidentement, dik id-deċiżjoni ġiet pronunzjata fil-konfront, minn naħa waħda ta' Maria armla minn Emmanuele Grixti, Salvino, Carmelo, John, Vincent, Giuseppina, Antonio, u Teresa, aħwa Grixti, li fil-persuna tagħhom kien ġie trasfuż il-ġudizzju minħabba l-mewt ta' Emmanuele Grixti, u minn naħa l-oħra ta' Charles sive Carmelo Grixti, kif jidher mill-"occhio' ta' dik is-sentenza. Ma hemmx dubju li dan kollu kien l-effett ta' żball meħud mill-konvenuti f'din il-kawża, meta fil-kawża l-oħra ġa msemmija kkwalifikaw kunjomhom u kunjom l-awtur tagħhom bħala "Grixti" minflok bħala "Schembri"; imma dan l-iżball ma ġiex korrett, la qabel ma ġiet pronunzjata l-imsemmija sentenza, u lanqas wara u preċedentement għall-istituzzjoni ta' din il-kawża. Għalhekk jibqa' ndubitat li l-kawża l-oħra ma ġietx pronunzjata bejn l-istess persuni li jiffiguraw bħala partijiet f'din il-kawża. Jonqos, b'dan il-mod, wieħed mill-elementi essenzjali biex ikun hemm il-ġudikat, dak ċjoè tal-identità tal-persuni;

Rat fol. 38 in-nota tal-imsemmija Maria armla Schembri bħala kuratriċi "ad litem" tal-imsemmija minuri Teodora sive Doris Schembri, u għall-bżonn anki bħala tutriċi tagħha, li biha appellat minn dik is-sentenza, u l-petizzjoni tagħha, li biha talbet li l-istess sentenza tiġi revokata, billi minflok tiġi milqugħa l-eċċezzjoni tal-ġudikat opposta minnha; bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-attur appellat;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Il-fatti rilevanti huma dawn;

Fis-6 ta' Frar 1952, Emmanuele Schembri, missier l-imsemmija minuri Teodora sive Doris Schembri, ippreżenta ċitazzjoni quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili kontra Charles sive Carmelo Grixti, li biha, wara li ppremetta illi l-konvenut kien ikkunsinnalu motor-boat bil-ħsara biex jeżaminaha u jgħidlu x'tiswijiet kienu jeħtieġulha, u illi mbgħad il-konvenut biddel il-ħsieb li jsewwi dik il-motor-boat, u minflok qabbad lill-attur biex ibiegħha, imma dan

il-bejgħ ma setgħax isir, u l-motor-boat baqgħet fil-garage tal-attur, u l-konvenut, għalkemm interpellat, naqas li jieħu lura dik il-motor-boat, u l-attur ma riedx jibqa' nkarikat minnha, dan talab li (a) l-imsemmi konvenut ikun kundannat jirtira dik il-motor-boat fiż-żmien li tiffissa l-Qorti, u (b) l-istess konvenut ikun kundannat iħallas lill-attur kumpens stabbilit mill-Qorti għall-okkupazzjoni ta' parti mill-garage tal-attur, flimkien ma' l-ispejjeż li l-attur għamel għat-trasport u għall-kura u konservazzjoni ta' dik il-motor-boat; bl-ispejjeż u imgħaxijiet imsemmijin fiċ-ċitazzjoni;

Fuq din iċ-ċitazzjoni, dik il-Qorti kienet ħatret perit biex jirrelata fuq it-talbiet tal-attur, u dan il-perit ippreżenta r-rapport tiegħu, u mbgħad ħalfu fis-26 ta' Ġunju 1954. Dak inhar il-kawża ġiet imħollija għall-25 ta' Novembru 1954 għall-eżami tar-rapport. Fis-seduta ta' din l-aħħar data (25. 11. 54) l-attur, per mezz tal-avukat tiegħu, irrimetta ruħu għar-rapport tal-perit; u billi la l-konvenut u lanqas l-avukat tiegħu ma dehrux, il-Qorti ddifferiet il-kawża għall-14 ta' Frar 1955, għas-sentenza in difett ta' ostakolu;

Issa, ġara illi fl-24 ta' Novembru 1954 (dok. S. fol. 50 ta' dan il-proċess) miet l-imsemmi attur Emmanuele Schembri. B'rikors preżentat fit-13 ta' Jannar 1955, l-armla tiegħu Maria, għall-interess tagħha fl-akkwisti konjugali, u sebgħa minn uliedu, ċjoè Salvino, Carmelo, John, Vincent, Giuseppina, Antonio, u Teresa, bħala eredi ntestati tiegħu, talbu "biex il-ġudizzju jiġi trasfuż fil-persuna tagħhom u s-sentenza tiġi mogħtija fl-interess tagħhom għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi. Iżda, bi żball evidenti, f'dan ir-rikors ir-rikorrenti kkwalifikaw ruħhom bħala armla u rispettivament ulied Emmanuele "Grixti", minflok "Schembri". Dan ir-rikors (bil-kunjom hekk żbaljat) ġie milqugħ, u fiċ-ċitazzjoni saret l-aġġunta ta' isem dawk ir-rikorrenti bil-kunjom "Grixti", bħala l-persuni li fihom il-ġudizzju ġie trasfuż;

Il-kawża ġiet maqtugħa fit-18 ta' Frar 1955. Is-sentenza, li biha ġew milqugħa t-talbiet miġjubin fiċ-ċitazzjoni,

ġiet mogħtija u reġistrata taħt l-ismijiet murijin fl-istess ċitazzjoni bl-aġġunta fuq imsemmija, jiġifieri "Emmanuele Schembri, u b'digriet tal-14 ta' Jannar 1955, Maria armla minn Emmanuele Grixti, Salvino, Carmelo, John, Vincent, Giuseppina, Antonio, u Teresa, aħwa Grixti, il-ġudizzju ġie trasfuż fil-persuna tagħhom, versus Charles sive Carmelo Grixti";

Kif jidher mill-atti tas-subasta li għalihom saret riferenza, minħabba l-indikazzjoni żbaljata tal-kunjom, l-imsemmija Maria Schemri u wliedha sabu diffikultà meta ġew biex jeżegwixxu dik is-sentenza; u b'rikors quddiem l-istess Qorti tat-2 ta' Ġunju 1955 huma talbu l-korrezzjoni ta' dak l-iżball. Din it-talba tagħhom ġiet miċħuda; u peress illi ma saru ebda proċeduri oħra xierqa biex dak l-iżball jiġi rimedjat, is-sentenza għadha sal-lum reġistrata bl-ismijiet fuq imsemmija;

Issa, din hi s-sentenza li fuqha l-konvenuti fil-kawża preżenti bbażaw l-eċċezzjoni tagħhom tal-ġudikat; li ġiet miċħuda mill-Ewwel Qorti, li deħrilha li f'dawk iċ-ċirkustanzi ma setgħax jingħad li dik is-sentenza kienet bejn l-istess partijiet;

Minn din is-sentenza tal-aħħar ma appellawx il-konvenuti kollha, iżda appellat biss l-imsejħa fil-kawża Teodora sive Doris Schembri, rappreżentata minn ommha Maria armla Schembri;

Ikkunsidrat;

Fil-petizzjoni tal-appell jingħad l-ewwelnett illi l-bdil tal-kunjom "Grixti" ma' "Schembri" fir-rikors ta' trasfużjoni fil-kawża l-oħra kien "żball evidenti tal-pinna", "żvista żgħira". li ma jista' joħloq ebda ekwivoku, u għalhekk, apparti minn konsiderazzjonijiet oħra, il-prinċipji tan-"natural justice" għandhom jimmilitaw favur l-appellanti;

Il-Qorti tifhem dan ir-raġunament; imma b'dan kollu ma tistgħax legalment tieħdu f'konsiderazzjoni. Hi xejn ma tista' tagħmel, fil-proċeduri preżenti, biex tneħħi dak l-

żball, u ma tistgħax ħlief ineżorabbilment tħares lejn dik is-sentenza preċedenti kif tinsab reġistrata bl-iżball b'kollox. Dik ir-reġistrazzjoni hi l-unika prova awtentika tagħha (art. 59 (1) K.O.P.C.). In bażi għall-ġurisprudenza kostanti tal-Qrati Tagħna (ara App. Ċiv. "Psaila vs. Conner", 28 ta' Frar 1958), żball fl-isem jew kunjom ta' waħda millpartijiet f'sentenza, li ma jkunx ġie jew ma jistgħax jiġi korrett bil-mezzi li toffri l-liġi, jinduċi n-nullità tagħha. Allura tista' tqum il-kwistjoni jekk, apparti kull ħaġa oħra, is-sentenza in kwistjoni li fiha dak l-iżball tistgħax tiġi nvokata bħala bażi għall-eċċezzjoni tar-"res judicata";

Fuq din il-kwistjoni, il-Mattirolo jgħid illi fid-Dritt Ruman kien iseħħ il-prinċipju rigoruż illi sentenza nulla minħabba difett fir-rekwiżiti intrinsiċi u estrinsiċi tagħha kienet ineżistenti; u allura, "se una delle parti pretendesse invocarla per fondarvi un' 'exceptio rei judicatae', l'altra parte vittoriosamente vi contrapporrebbe una 'replicatio si ea res non sit judicata', oppure 'si ea sententia nullius momenti sit'". Iżda, jissokta jgħid dak l-awtur, fid-Dritt Modern in-nullità, imqar jekk dikjarata mill-liġi stess, ma toperax minnha nnfisha, jiġifieri mhix biżżejjed minnha stess biex tipprriva s-sentenza mill-karattru ta' ġudikat, sakemm dik in-nullità ma tkunx ġiet, fuq proċeduri skond il-liġi, dikjarata mill-awtorità kompetenti (Vol. V, §§ 19, 20, p. 16, 5 ta. ediz.; ara wkoll "Cassar Parnis vs. Soler", P.A. 11 ta' Marzu 1949, Kollez. Vol. XXXIII-II-344). Skond dan it-tagħlim, dik is-sentenza in kwistjoni għandha titqies li hi fis-seħħ, iżda, naturalment, fl-ismijiet tal-persuni li jidhru fiha; u dawn mhumiex l-istess persuni li huma l-konvenuti fil-kawża preżenti;

Ikkunsidrat;

Però, tkompli tgħid l-appellanti, hi ma dehret xejn firrikors tat-trasfużjoni fuq imsemmi, u għalhekk mhix preġudikata bl-iżball li ttieħed. Is-sentenza ġiet mogħtija favur l-attur, li kien missierha u li tiegħu hi waħda millleredi ntestati, u għalhekk dik is-sentenza għandha tiswa favur tagħha, molto pjù illi l-kawża kellha bħala oġġett materja ta' natura indiviżibbli;

Iżda, fil-fehma ta' dil-Qorti, dawn ir-riljevi tal-appellanti ma jidhrux li jistgħu jiġġjovawha. Hawn il-kwistjoni ma hix li tiġi allokata r-responsabilità ta' l-iżball li ttieħed; il-kwistjoni hi biss illi, bħala fatt, l-iżball sar, u l-kawża tkompliet u ġiet deċiża fil-konfront ta' nies b'kunjom ieħor. L-appellanti nnfisha ma kienetx fosthom, għax huma stess ħallewha barra, u hi ma tistgħax tinvoka s-sentenza bħala ġudikat ostattiv għall-kawża preżenti. Il-prinċipju f'din il-materja huwa illi min ma kienx parti fil-ġudizzju, u lanqas kien fih leġittimament rappreżentat bil-mezz tal-awtur jew ta' rappreżentant leġittimu tiegħu, ma jistgħax jibbenefika minn sentenza bħala "res judicata" favur tiegħu (art. 235 Kod. Org. Proċ. Ċivili; u Fadda, art. 1351, § 2297). Fost il-konvenuti l-oħra ma hemm ħadd li fil-kawża l-oħra kien leġittimament jirrappreżenta lill-appellanti. L-argument tagħha li hi kienet rappreżentata minn missierha, li kien l-attur oriġinali, hu inaċċettabbli;

Bħala sostenn għall-argumenti tagħha l-appellanti ssottomettiet fit-trattazzjoni orali illi t-trasfużjoni li saret fil-kawża l-oħra ma kienetx neċessarja u ma għandha jkollha ebda effett; u għamlet riferenza għas-sentenzi "Tabone vs. Bugeja", 13 ta April 1885 (Vol. X, p. 787), "D'Anastas vs. D'Anastas", 28 ta' Mejju 1926 (Vol. XXVI-I-498), u "Serra vs. Serra", 10 ta' Ġunju 1925, (Vol. XXVI-I-176). Fl-ewwel tnejn minn dawn is-sentenzi ġie affermat il-prinċipju illi l-ommissjoni tar-rikors għat-trasfużjoni tal-ġudizzju fil-każ ta' mewt ta' xi waħda mill-partijiet ma ġġibx għan-nullità assoluta tal-atti suċċessivi, basta li, meta tiġi avvertita l-ommissjoni, id-difett jiġi sanat bir-rikors opportun u d-digriet relattiv. Issa, jidher ċar illi dan il-prinċipju ma għandux rilevanza għall-każ preżenti. Hawn ma kienx il-każ ta' ommissjoni tar-rikors għat-trasfużjoni; ir-rikors sar, imma sar b'ismijiet żbaljati. Is-sentenza l-oħra "Serra vs. Serra", ċitata mill-appellanti, għallmet illi l-effett interruttiv minħabba l-mewt jew tibdil fl-istat ta' xi waħda mill-partijiet fil-kawża ma għandu ebda effett ħlief meta l-kawża tkun għad mhix fi stat li tiġi deċiża, ċjoè tkun spiċċat id-diskussjoni u l-kawża tkun ġiet differita biex il-Qorti tiddelibera u tlesti s-sentenza;

Din l-istess dottrina ġiet ukoll affermata minn din il-Qorti fil-kawża "Tonna vs. Vella et.", maqtugħa fit-23 ta' Ġunju 1952 (Vol. XXXVI-I-195). Iżda dan it-tagħlim, fil-każ preżenti, ma jistgħax jgħin lill-appellanti. Infatti, Emmanuele Schembri miet, kif ġa ntqal, fl-24 ta' Novembru 1954. Għad illi wara dik id-data, u sa ma ngħatat is-sentenza, ma sar kważi xejn aktar fil-kawża, ħlief il-proċedura tat-trasfużjoni, jibqa' fatt illi "dak inhar" il-kawża kienet għadha tinsab differita għall-eżami tar-rapport tal-perit ġudizzjarju. Għalhekk, biex setgħet validament titkompla u tiġi maqtugħa, it-trasfużjoni kienet meħtieġa. Fis-sentenza "Tonna vs. Vella et." hawn fuq imsemmija, intqal illi l-eċċezzjoni tan-nullità tas-sentenza minħabba nuqqas ta' trasfużjoni ma hix assoluta, imma relattiva biss (ħlief fil-każ ta' diviżjoni) għall-persuna li jkollha l-istess interess li kellha l-persuna li mietet; iżda hu ċar li dan mhux rilevanti għall-każ preżenti, fejn, għar-raġuni li ntqalet fuq, ma hix in kwistjoni l-validità tas-sentenza l-oħra;

Galadarba l-attur oriġinali kien miet u kien jeħtieġ li ssir it-trasfużjoni, u din fil-fatt saret f'isem ta' ċerti persuni, il-kawża tkompliet u ġiet deċiża, kif talbu huma stess fir-rikors, "fl-interess tagħhom". L-appellanti ma setgħetx baqgħet rappreżentata mill-attur oriġinali, u, kif intqal, ma kienetx wara l-mewt tiegħu leġittimament rappreżentata minn ħadd ieħor. "La sentenza nella quale alcuno, nè il suo autore, non intervenne, non può per lui valere come cosa giudicata, nemmeno se giova e si tratta di obbligazione indivisibile" (Fadda, loc. ċit., § 2300);

Għal dawn il-motivi, din il-Qorti taqbel mal-Ewwel waħda illi għall-eċċezzjoni tal-ġudikat opposta mill-appellanti kien jonqos ir-rekwiżit tal-"eaedem personae", u ma hemmx bżonn jiġi eżaminat jekk kienux jikkonkorru r-rekwiżiti l-oħra;

Għaldaqstant;

Din il-Qorti tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza mogħtija mill-Ewwel Qorti fis-7 ta' Mejju 1957; bl-ispejjeż kontra l-appellanti;

U tordna li l-atti jiġu rinvijati lill-Ewwel Qorti għall-ulterjuri trattazzjoni tal-kawża.